# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Attard]**

**vs**

**Michael Spiteri**

**Kumpilazzjoni Numru: 5/19**

**Illum, 13 ta' Mejju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Michael Spiteri detentur tal-karta tal-identita` numru 0505286M akkuzat talli gewwa l-petrol station fi Triq Ghar Dalam, Birzebbugia fl-iljieli ta' bejn id-29 u 30 ta' Dicembru 2018 u t-2 u t-3 ta' Jannar 2019:

1) Ikkometa serq ta' madwar 270 euro liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-mezz u bil-valur ghad-dannu ta' Joseph Azzopardi u/jew persuni ohra.

2) Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq makkinarju li jintuza gewwa pompa tal-fuel, liema hsara tammonta ghal aktar minn 250 Euro izda anqas minn 2,500 euro ghad-dannu ta' Joseph Azzopardi u/jew persuni ohra

3) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkometta l-imsemmija reati waqt-il periodu operattiv ta' sentenza ta' sena prigunerija sospizi ghal tlett snin mghotija mill-magistrat Dr. Francesco Depasquale nhar id-9 ta' Dicembru 2018

Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanza rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta (3) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat serq u sgass ta' magni ossia *vacuum cleaners* li jinsabu f'*petrol station* gewwa Birzebbugia.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat **Michael Spiteri** qal illi qatt m'ghamel uzu mid-droga jew minn xorb eccessiv. L-imputat stqarr illi huwa jahdem bhala xufier fejn iqassam il-hobz gol-hwienet ma' *Saint Catherine's Bakery*. L-imputat stqarr illi bejn il-lejl tad-29 u t-30 ta' Dicembru 2018 u fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Jannar 2019 huwa kien rieqed gewwa r-residenza tieghu f'Haz-Zabbar. Huwa qal ukoll illi ma jaf xejn dwar serq bi sgass mill-pompa tal-*petrol* f'Ghar Dalam, Birzebbugia. L-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domanda tal-Ispettur hekk kif gie muri tliet ritratti li jikkoncernaw id-dati tat-8 ta' Dicembru 2018

u 30 ta' Dicembru 2018. Fl-ahhar tal-istqarrija l-imputat ikkonferma li huwa kien diga` tressaq fuq kaz ta' serq minn gol-istess pompa tal-*petrol* u li kien ammetta l-akkuzi fil-konfront tieghu. Din l-istqarrija ma gietx iffirmata mill-imputat. Huwa kien kellem lill-avukat Dr. Martin Fenech qabel l-interrogazzjoni. Fl-istess stqarrija hemm imnizzel li l-istess avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogazzjoni ghaliex l-imputat ma hassx il-htiega li jkun assistit.

Xehed l-**Ispettur Roderick Attard** li qal illi nhar it-30 ta' Dicembru 2018 il-Pulizija distrettwali taz-Zejtun ircevew telefonata minghand is-sidien ta' *Jaime Petrol Station* li tinsab gewwa Ghar Dalam Birzebbugia fejn gew infurmati illi kien hemm sgass fil-magna tal-*vacuum cleaner* li tinsab fil-*petrol station* riferuta. Ix-xhud spjega illi fit-3 ta' Jannar 2019, il-Pulizija distrettwali taz-Zejtun kienu rcevew telefonata simili fejn l-istess sidien irrapurtaw illi xi hadd kien kiser il-magna tal-*vacuum cleaner* u seraq ammont ta' flus. L-istess sid ipprovda wkoll ritratt li jinsab esebit a fol. 9 tal-process u ghalhekk ix-xhud immedjatament ordna l-arrest tal-imputat, li gharaf fl-awla, fejn insegwitu ttiehdet l-istqarrija tal-istess imputat b'dan illi huwa rrifjuta li jiffirma. Ix-xhud esebixxa wkoll filmat provdut mis-sid ta' *Jaime*

*Petrol Station* koncernanti l-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Jannar 2019 (Dok. RA2) u filmat iehor koncernanti l-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Dicembru 2018 (Dok. RA3).

L-Ispettur esebixxa wkoll sentenza li giet immarkata bhala Dok. RA1 (a folio 20 tal-process) minn liema jirrizulta li l-imputat kien diga` kkommetta serq u kkawza hsarat fl-istess *petrol station* fejn huwa kien irregistra ammissjoni u gie kkundannat ghal sena prigunerija sospizi ghal sentejn u kif ukoll il-Qorti ordnat ordni ta' trattament a tenur tal-Artiolu 412D tal-Kodici Kirminali u anki ordni ta' *probation* u dan ghall-perjodu ta' tliet snin. L-imputat gie kkundannat ihallas lil Joseph Azzopardi ghad-danni kawzati fi zmien sitt (6) xhur.

Xehed il-kwerelant **Joseph Azzopardi** li qal li huwa ghandu *petrol station* li jismu Jaime Limited fejn ghandu *car wash* u *vacuum cleaners* fejn dawn tal-ahhar gieli jsibhom sgassati. Spjega li kien sabhom sgassati f'Dicembru fejn min kien intaghraf mill-*video* u l-Pulizija resquh il-Qorti fejn kien ammetta l-akkuzi kontrih. Skont ix-xhud ftit wara din il-magna regghet infethet. Huwa qal li ghamel rapport f'Dicembru tas-sena l-ohra (2018) u zewg rapporti f'Jannar ta' din is-sena (2019). Ix-xhud ikkonferma li

huwa ta zewg *CD's* lill-Pulizija. Skont Joseph Azzopardi l-ewwel darba l-imputat mar jisgassa minghajr *hood* fejn seta' jintgharaf, it-tieni darba mar bil-*hood* izda b'gakketta differenti u t-tielet darba mar bil-*hood* u bl-istess gakketta tal-ewwel darba. Ix-xhud gie muri fol. 9 fejn qal li r-ritratti huma tal-*cameras* tieghu. Qal li mir-ritratti l-Pulizija gharfu lil dik il-persuna. Huwa qal li ma kienx hemm tul bejn t-tieni u t-tielet darba li sgassa. Huwa qal li bhala ammont ta' flus li nsterqu kien hemm mija u tmenin ewro (€180) peress li kien hemm tliet (3) ijiem u dan stante li f'gurnata xoghol il-magna tiehu sittin ewro (€60). Ix-xhud qal li din pero` kienet ta' serqa wahda. Skont ix-xhud: "*Ta' zewg serqiet ghandek mitejn u erbghin (€240).*" Apparti minn hekk qal li l-magni garbu hsarat. Ix-xhud rega' gie prodott fejn esebixxa stima tal-hsarat li giet immarkata bhala Dok. JA1. Skont l-istess stima li tinsab a fol. 52 tal-process l-ispejjez ta' riparazzjoni jammontaw ghal hames mija disgha u sittin ewro (€569). Huwa spjega li din l-istima saret mis-*supplier* tal-istess *vacuum cleaners*.

Xehed ukoll **PS1042 Aaron Caruana** li qal li huwa kien involut fuq zewg rapporti: 30 ta' Dicembru 2018 u 3 ta' Jannar 2019. Fir-rapport tat-30 ta' Dicembru 2018 kien mar jirrapporta l-ghassa

sid il-pompa tal-petrol Jamie Limited li qal li xi hadd kien sgassalu zewg *vacuum cleaners*. Kompla jghid li meta raw il-*cameras* innutaw persuna maskili li kien liebes *hoodie* u li kellu wiccu nofsu mghammad fejn irrizultalhom li kien l-istess bniedem li kien ghadu kif seraq l-istess *petrol station* tliet gimghat qabel. Fis-serqa tat-30 ta' Dicembru 2018 insterqu sittin ewro (€60) u fis-serqa tat-3 ta' Jannar 2019 insterqu mija u tmenin ewro (€180). Ix-xhud qal hekk: *"Meta rajna l-cameras qabbilnihom mas-serqa ta' qabel u kien l-istess persuna. X'hin morna Haz-Zabbar biex nigbru lill-imputat li qed naghraf fl-awla kien liebes l-istess gakketta u hwejjeg li ghadu kif seraq fil-pompa tal-petrol ta' dakinhar stess."* Fuq domanda tad-difiza x-xhud qal li huma gharfu lill-imputat mill-parti ta' wiccu li halla mikxufa *"minn imniehru sa mohhu u mill-hwejjeg l-istess hwejjeg li arrestajnieh, li seraq bihom filghodu.*" Ix-xhud ipprezenta zewg rapporti (Dok. AC1 u AC2). Huwa kkonferma li s-sittin ewro (€60) u l-mija u tmenin ewro (€180) insterqu mill-magni tal-*vacuum cleaners*.

Xehed **PC1405 Dylan Gerada** li qal li fit-3 ta' Jananr 2019 ircevew telefonata minghand *Jamie Petrol Station* fejn gew infurmati li kien ghadu kif sehh reat ta' serq. Huwa qal li mar fuq il-post

flimkien ma' PS 1042 fejn kellmu lil Joseph Azzopardi li qal li kienu nsterqu cirka mija u tmenin ewro (€180) minn zewg magni tal-*vacuum.* Ix-xhud kompla billi qal hekk: "*meta rajna l-cameras ta' dawk il-hinijiet irrizulta li l-persuna kien jidher car igifieri. … Kellu flokk jew hoddie, ninety-nine point nine (99.9) ghax kien mghotti wiccu biha skura u kellu xalla sewda tal-marka Givova, kienet tidher sewwa fil-cameras u kien jidher car li kien l-istess persuna li kien ghadu kif seraq l-istess pompa ftit taz-zmien qabel. Jiena ma kontx involut fis-serqa ta' qabel, izda meta rajna l-cameras tas-serqa ta' qabel u dik is-serqa x-xebh kien qieghed hemmhekk.*" Ix-xhud ikkonferma r-ritratti esebiti a fol. 9 fejn qal li z-zewg ritratti t'isfel huma tas-serqa li kien involut fiha u cioe` dik tat-3 ta' Jannar 2019. In kontroezami x-xhud qal li huwa gharaf lill-imputat kemm mill-wicc u kif ukoll mill-*hoodie*. Huwa qal ukoll li "*il-hoodie li seraq biha l-ewwel darba l-istess, it-tieni darba jigifieri fis-6 ta' Jannar hija l-istess u meta gie arrestat gewwa Haz-Zabbar kien bl-istess hoddie wkoll."*

Xehed anki **Dr. Steven Farrugia Sacco** li kien gie appuntat minn din il-Qorti sabiex johrog *stills* mid-dokumenti RA2 u RA3. Huwa pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. SFS1 (a fol. 61 et seq tal-process). Ix-xhud spjega li peress li ma kienx huwa

li skarika l-filmati ma jistax jghid jekk kienx hemm xi *offset* bejn ir-*real time* u d-*device time*. Huwa qal li f'dan il-kaz ma jidhirx li sar xi alterazzjoni fil-filmat pero` huwa gabar dawn il-filmati mill-atti tal-process u allura ma jistax jaghmel dak l-ezami. Ix-xhud qal ukoll li kien hemm uhud mill-*files* li kienu *recording* minn go *device* iehor: *"qisni jiena qbadt il-mobile tieghu stess u qed niehu recording tal-iscreen tad-DVR."* Fuq domanda tad-difiza jekk jistax jghid bic-certezza jekk id-dati indikati huma dati rejali huwa rrisponda hekk: *"jiena l-ezami li jista' jsir minn dawk ic-CDs, le ma nistax naghmel. Se mai il-persuna li ha l-filmati per se jista' jghid.*"

Fir-rapport esebit l-espert annetta *stills* relattivi mal-gurnata indikata bhala t-8 ta' Dicembru 2018 (Dok. C1), *stills* relattivi mal-gurnata tat-30 ta' Dicembru 2018 (Dok. C2) u *stills* ohrajn relattivi mal-gurnata indikata bhala 3 ta' Jannar 2019 (Dok. C3). L-espert ikkonkluda s-segwenti: *"Illi s-sottoskritt jixtieq jirrileva illi ghalkemm ma jidhirx li saret xi alterazzjoni fil-filmat, xorta wahda l-esponent ma jistax jikkonferma li l-hin u d-data li jidhru fuq il-fotogrammi huma fil-fatt tajbin [ossia r-real time and real date*]. *Dan stante ma kienx l-esponent li ha kopja tal-filmat in kwistjoni."*

Il-Qorti rat ir-rikors intavolat mill-Ispettur Roderick Attard fejn talab li l-atti tal-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Michael Spiteri decizi mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D. nhar it-8 ta' Dicembru 2018 jigu allegati mal-atti tal-kaz odjern.

Rat id-digriet tal-21 ta' Frar 2019 fejn it-talba tal-Ispettur giet akkordata. Minkejja dan il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma esebiet l-ebda atti u di fatti ma hemm ebda atti ohra allegati mal-kaz in ezami.

Xehed ukoll l-**imputat Michael Spiteri** li qal li ma kienx huwa li seraq mill-pompa tal-*petrol*. Qal li kien ammetta l-ewwel darba izda fit-tieni wahda ma kienx huwa. Huwa qal li f'dik il-gurnata kien id-dar rieqed. Qal li jqum ghax-xoghol fl-erbgha ta' filghodu u fiz-zewg okkazjonijiet huwa kien rieqed id-dar. Huwa spjega li l-ewwel wahda kien ghamilha hu u kien ammetta. Qal li l-*videos* li ghandha l-Pulizija mhumiex tieghu zgur. Huwa jghid li l-*videos* jistghu jkunu tal-ewwel wahda. Fuq domanda tal-Ispettur l-imputat qal li meta kien rieqed id-dar kien hemm ommu u missieru wkoll id-dar.

Xehed ukoll **Raymond Spiteri** li qal li jigi missier l-imputat. Huwa xehed li qabel ma t-tifel tieghu Michael Spiteri gie arrestat huwa kien joqghod mieghu gewwa 82, Carmel Street, Zabbar. Meta gie mistoqsi mid-difiza fejn kien jinsab it-tifel tieghu fl-iljieli ta' bejn id-29 u 30 ta' Dicembru 2018 u t-2 u t-3 ta' Jannar 2019 huwa rrisponda hekk: "*Ma nafx fejn kien. Dak li qed isemmili inti ma nafx fejn kien. L-ahhar ta' meta gew jarrestawh naf li kien id-dar ghax mort inqajmu jien.*" Meta gie mistoqsi jekk ibnu kienx ghadda l-lejl mieghu qabel ma gie arrestat huwa rrisponda s-segwenti: "*Mhux il-lejl kien mieghi ghax jien mal-mara norqod mhux mat-tifel.*" Ix-xhud qal li kien ma' ibnu fost il-gurnata u meta waslu d-dar filghaxija kielu bicca hobz flimkien u ibnu mar jinhasel, raqad u gew jarrestawh filghodu. Huwa qal ukoll is-segwenti: *"Issa jekk hareg minn go tieqa ma nafx ghax jiena ma nkunx rieqed mieghu."*

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tirrileva li mill-i*stills* esebiti fir-rapport tal-espert Dr. Stephen Farrugia Sacco johrog evidenti illi fid-data tat-8 ta' Dicembru 2018 l-imputat kien verament qieghed jisgassa l-magni tal-*vaccum cleaners* fil-*petrol station* tal-parte civile u dan

ghamlu b'wiccu mikxuf. Ghal dan ir-reat l-imputat kien tressaq quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-istess imputat ammetta l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu. Fil-kaz odjern id-data inkriminata pero` hija ohra u cioe` l-iljieli bejn id-29 u 30 ta' Dicembru 2018 u t-2 u t-3 ta' Jannar 2019. Mill-i*stills* esebiti fl-imsemmi rapport johrog evidenti li fid-dati koncernanti l-kaz odjern, u cioe` fl-iljieli bejn id-29 u 30 ta' Dicembru 2018 u t-2 u t-3 ta' Jannar 2019, ir-ragel li jidher jisgassa l-*vacuum cleaners* ghandu wiccu mghammad u in effetti jidhru biss ghajnejh. Illi certament dawn ir-ritratti mhumiex bizzejjed sabiex il-Qorti tkun konvinta oltre kull dubju dettat mir-raguni li dak ir-ragel li jidher fl-i*stills* huwa propju l-imputat.

Illi l-Prosekuzzjoni argumentat li r-ragel jintgharaf minn wiccu u mill-hwejjeg li kien liebes. Il-Qorti tirrileva li l-imputat ma jintgharafx minn wiccu u f'dan is-sens il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta ritratt ufficjali tal-imputat u taghmel talba sabiex jigi appuntat espert halli jsir xi forma ta' *face detection/recognition*. Il-Qorti certament ma tistax tasal sabiex tikkonkludi minn *facial feature* wiehed li r-ragel li jidher fl-i*stills* huwa fil-fatt l-imputat!

Illi ghar-rigward il-hwejjeg li allegatament kien liebes l-imputat, il-Prosekuzzjoni pproduciet membri tal-korp tal-Pulizija li qalu li meta gie arrestat, l-imputat kien liebes l-istess hwejjeg li kien liebes meta kien qed jisgassa l-magni gewwa l-*petrol station*. Fil-kamp kriminali din certament mhijiex l-ahjar prova. Bhala stat ta' fatt il-Prosekuzzjoni qatt ma esebiet il-hwejjeg li kien liebes l-imputat, b'hekk il-Qorti qatt ma tista' tkun f'posizzjoni li tivverifika dak li xehdu l-Pulizija u allura ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li jmur oltre kull dubju. F'dan ir-rigward ukoll il-Prosekuzjoni lanqas biss hadet ritratt tal-imputat b'dawn il-hwejjeg waqt li kien qieghed taht arrest.

Illi apparti minn hekk il-Qorti tinnota li r-rapport redatt mill-espert Dr. Stephen Farrugia Sacco mhuwiex konklusiv. Dan qieghed jinghad ghaliex l-istess espert qal li ma jistax jiggarantixxi li l-hin u d-data li jidher fil-filmat huma fil-fatt rejali. Huwa di fatti jikkonkludi r-rapport tieghu bil-mod segwenti: *"Illi s-sottoskritt jixtieq jirrileva illi ghalkemm ma jidhirx li saret xi alterazzjoni fil-filmat, xorta wahda l-esponent ma jistax jikkonferma li l-hin u d-data li jidhru fuq il-fotogrammi huma fil-fatt tajbin [ossia r-real time and real date*]. *Dan stante ma kienx l-esponent li ha kopja tal-filmat in kwistjoni."*

Illi fil-verita` kien jispetta l-Prosekuzzjoni sabiex terga' ttella' lill-parte civile Joseph Azzopardi li kien ta dawn il-filmati lill-Pulizija sabiex jikkonferma d-dati u l-hinijiet li jidhru fl-istess filmati inkwistjoni izda dan qatt ma sar. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni ghal darb'ohra naqset milli tipproduci l-ahjar prova.

Fin-nuqqas tal-ahjar prova l-Qorti ser tezamina dak li tghid il-gurisprudenza dwar il-provi cirkostanzjali. Il-Qrati nostrani kellhom ic-cans li jiddibattu l-kwistjoni tal-prova cirkostanzjali f'numru ta' decizjonijiet. Fil-kawza bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita'*

*taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w'allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi".*

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) intqal illi:

*"Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat."*

Ugwalment fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v James Abela** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax (11) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) gie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi*

*indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad*

*rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin".*

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada** datata l-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) gie ddikjarat illi:

*"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci".*

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R (1952)** jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the*

*latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi l-guristi Inglizi bhal per ezepmju **Pollock C.B** (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995] u **Richard May** (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahlu fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita` u qalu s-segwenti:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one*

*link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Illi ghalhekk, mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-Qorti li tizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Fil-kaz odjern minkejja li gew prodotti provi cirkostanzjali dawn l-istess provi xorta wahda ma jwasslux ghal rizultat wiehed u cioe` s-sejbien ta' htija tal-imputat u di fatti l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma jwasslux ghall-konvinciment morali sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Michael Spiteri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**